# Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

**Imħallef**
**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tas-27 ta' April, 2023**

**Kawża fuq il-lista' nru. 7**

**Rik Ġur 362/2019 RGM**

**MPM Capital Investmnets Ltd (C46783),**
**Alexander Mangion (K.I. 565482M) u**
**Melvyn Mangion (K.I. 300580M)**

**vs.**

**Alfred Anton Zarifa (K.I. 315087M) u**
**Oleba Viktorivna magħrufa bħala Elena Zarifa (K.I. 326807L)**

## Il-Qorti:

1. Rat li b'rikors ġuramentat tal-10 ta' April, 2019 l-atturi s-soċjeta MPM Capital Investments Ltd (minn issa MPM Capital), Alexander Mangion u Melvyn Mangion, ilkoll flimkien imsejħa r-rikorrenti ippremettew illi b'rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2018, il-konvenuti konjuġi Zarifa talbu u ottjenew il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1017/18 fil-konfront tagħhom għas-somma ta' €3,429,479 in kawtela ta' "danni arrekati lis-sekwestranti mis-sekwestraturi kawza ta' mankanzi, abbuzi u

negligenzi serji fil-gestjoni ta' flejjes afdati lilhom mis-sekwestranti u li kawza ta' dawn il-mankanzi u abbuzi s-sekwestraturi qeghdin jirreklamaw hlas lura ta' flejjes avvanzati minghand is-sekwestranti u dan meta s-sekwestranti qatt ma ssellfu flejjes minghand is-sekwestraturi." Din it-talba ġiet milqugħha. Fissru li ai termini tal-Artikolu 836 (1) huma kienu ressqu talba sabiex il-Qorti tirrevoka l-istess mandat ai temrini tas-sub-inċiżi (b) u (f) tal-istess artikolu. B'digriet tal-15 ta' Jannar 2019 it-talba ġiet miċħuda. Apparti l-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, il-konjuġu Zarifa kienu talbu u ottjenew ukoll il-ħruġ mandat ta' inibizzjoni, iżda b'digriet tal-11 ta' Frar 2019 l-istess ġie revokat wara rikors tas-soċjeta MPM Capital ai termini tal-Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12.

2. Ir-rikorrenti ppremettew li l-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi kien wieħed purament vessatorju u intiż biex iġib lill-istess soċjeta tbaxxi rasha għar-rieda tal-konjuġi Zarifa u għalhekk huwa inġust li jibqa' jinżamm fis-seħħ. Fissru wkoll li qatt ma kien hemm il-bżonn li ssir talba għal ħruġ ta' mandat ta' sekwestru u dan għaliex Zarifa la qatt kellhom u wisq inqas seta' kellhom xi biża jew dubju dwar il-likwidita tas-soċjeta MPM Capital. Tinsisti li hija regolata taħt il-Kapitolu 370 u tgawdi minn liċenzja mogħtija lilha mill-Awtorita ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA) taħt l-Artikolu 6 tal-istess Att. Jinsistu wkoll li l-konjuġi Zarifa lanqas dritt *prima facie* m'għandhom x'jikkawtelaw. Ġie premess ukoll li l-konjuġi Zarifa ma kellhomx bażi sabiex jipproċedu kontra Mangion personalment meta huma biss diretturi tas-soċjeta MPM Capital u meta Zarifa jafu li l-flus huma dejjem ikkonsenjawhom lis-soċjeta MPM Capital. In oltre ingħad li Zarifa lanqas ħtiġilhom juru kif waslu għas-somma minnhom reklamata u lanqas ippreżentaw prospett mal-istess mandat. Is-soċjeta MPM Capital tinsisti li bil-mandat ta' sekwestru in eżami hija soffriet danni u wkoll li l-mandat kien wieħed frivolu u vessatorju tant li jirraviżaw ruħhom iċ-ċirkostanzi kontemplati fil-liġi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 836 (8) u (9) tal-Kapitolu 12. Is-soċjeta MPM Capital flimkien ma' Alexander Mangion u Melvyn Mantion qegħdin jitlobu lil din il-Qorti sabiex,

> "1. Thassar, tirrevoka u tannulla d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet premessi;
>
> 2. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1017/18 fl-ismijiet Alfred Anton Zarifa K.I. 315087M u Olena Viktorvina maghrufa bhala Elena

Zarifa K.I. 326807L vs MPM Capital Investment Ltd (C46783), Alexander Mangion [565482M] u Melvyn Mangion [300580M];

3. Tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru indikat fit-tieni talba inħareg b'mod abbuziv minn Alfred Anton Zarifa K.I. 315087M u Olena Viktorvina maghrufa bhala Elena Zarifa K.I. 326807L u konsegwentament tiddikjara li l-istess konjugi Zarifa ghandhom iwiegbu ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

4. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;

5. Tikkundanna lil Alfred Anton Zarifa K.I. 315087M u Olena Viktorvina maghrufa bhala Elena Zarifa K.I. 326807L jhallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidata flimkien ma' l-imghax dekorribli fil-ligi;

Bl-ispejjez kontra Alfred Anton Zarifa u Olena Viktorvina maghrufa bhala Elena Zerafa li huma min'issa ingunti in subizzjoni."

3. Rat li b'risposta ġuramentata tal-5 ta' Ġunju 2019 Alfred Zarifa u Erika Zarifa eċċipew li l-unika eżami u l-unika konsiderazzjonijiet li jeħtieġ li jsir minn din il-Qorti huwa l-validita tal-Mandat ta' Sekwestru 1017/2018, li huwa biss eżami ta' konsiderazzjonijiet *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja. Marbut ma' din l-eċċizzjoni eċċepew li mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 836 l-unika eżami li din il-Qorti tista' teżamina huwa *prima facie* jekk min ħareġ il-mandat in kwistjoni kellux pretenzjoni legali għall-istess u dan indipendentament jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le. Kompla jiġi eċċepiet li anke jekk il-Qorti li qiegħda tisma l-mertu ssib li l-pretensjoni tal-eżekuntant m'hijiex tajba, xorta waħda ma jistax jingħad li l-mandat ma kienx ġustifikat. Jeċepixxu wkoll li ma kien hemm xejn abbużiv fit-talba tagħhom għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u dan għaliex huma jħossu li għandhom jedd għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kkawżati lilhom mis-soċjeta MPM Capital. Jispjegaw li huwa legalment ġustifikat li l-ispedizzjoni tal-mandat kawtelatorju intalab kontra d-diretturi li huma l-*lunga manus* tas-soċjeta MPM Capital.

4. Rat li b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 13 ta' Settembru 2019 wara li qieset li huwa minnu li s-sekwestranti ma preżentaw qatt lista ta' ħjiel ta' danni kif waslu għall-ammont minnhom likwidat ta' €3,429,479 hija qieset ukoll li l-ġurisprudenza tgħallimna li l-ammont kawtelat u dak li finalment jiġi likwidat mill-Qorti mhux neċċessarjament għandu jkun l-istess. Il-Qorti ikkunsidrat ulterjorament li "hija konxja mill-fatt illi f'dawn il-proċeduri trid tagħmel valutazzjoni biss u unikament sal-livell ta' *prima facie*."[1] Hija degretat li "ghall-iskop indikat u mingħajr preġudizzju għal dak li jista jirriżulta fil-kawża msemmija, il-Qorti tordna lil konjuġi Zarifa illi b'nota jindikawla kalkolu tal-ammont minnhom ikkawtelat qabel ma tgħaddi għad-digriet finali"[2]. Dan id-digriet reġgħa ġie kkonfermat minn din il-Qorti kif preseduta b'digriet tal-11 ta' Novembru 2019. F'dan id-digriet il-Qorti ordnat ukoll is-segwenti:

"1. Tordna komunika tad-digriet tat-13 ta' Settembru, 2019 u ta' dan id-digriet lill-Avukat Pio Valletta ghan-nom tal-konjugi Zarifa b'dan illi t-terminu moghti jibda ghaddej mill-jum tal-komunika.

2. Taghti lir-rikorrenti hamest ijiem utili mill-komunika lill-Avukat Franco Galea sabiex b'nota ta' mhux aktar minn pagna wahda jiddikjaraw ai termini ta' liema artikolu tal-ligi intavolaw r-rikors tal-10 t'April, 2019.

3. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1017/18 JRM

4. Tordna komunika ta' dan id-digriet lir-Registratur tal-Qorti sabiex b'nota zmien hamest ijiem utili jinforma lill-Qorti kif amministrattivament gie kkonsidrat ir-rikors promotur tal-10 t'April, 2019 u jekk hemmx il-htiega ta' revizzjoni fir-rigward."[3]

5. B'nota tal-15 ta' Novembru 2019 ir-rikorrenti kkjarifikaw li b'din l-azzjoni huma qegħdin jitolbu l-impunjazzjoni tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrihom fil-15 ta' Jannar 2019.

[1] Fol 52 tal-proċess.
[2] Fol 52 – 53 tal-proċess.
[3] Fol 63 tal-proċess

6. B'nota spjegattiva tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ppreżentata fit-18 ta' Novembru 2019 ingħad li l-azzjoni ġiet meqjusa bħala rikors ta' revoka ta' mandat kawtelatorju in vista tal-fatt li r-rikors ma ssodisfax ir-rekwiżiti detatti mill-Artikolu 156 (1) (d) tal-Kapitolu 12.

7. In segwieta għan-nota spjegattiva tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, il-Qorti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2019, tat lir-rikorrenti għaxart ijiem sabiex jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom.

8. Rat ir-rikors tal-25 ta' Novembru 2019 ppreżentata mir-rikorrenti fejn talbu korrezzjoni taħt l-Artikolu 175 tal-Kappitolu 12 sabiex jiżdied il-paragrafu meħtieġ skont l-Artikolu 156 (1) (d).

9. B'digriet tas-17 ta' Frar 2020 il-Qorti laqgħet it-talba b'dan li l-korrezzjoni mitluba ssir wara li r-rikorrenti jħallsu l-ispejjeż tar-Reġistru. B'digriet tal-10 ta' Marzu 2020 il-Qorti rat mill-ġdid l-atti u ordnat li jippreżentaw mill-ġdid ir-rikors promotur konformi mal-proċedura li tirregola r-Rikors Ġuramentat.

10. Rat li r-rikorrenti ppreżentaw mill-ġdid r-rikors ġuramentat.

11. Fuq talba tar-rikorrenti, mhux opposta mill-intimati, il-Qorti ħadet konjizzjoni tar-rikors ġuramentat u r-risposta ġuramentata bid-dokumenti annessi magħhom taż-żewġ kawżi fil-mertu bejn il-partijiet u ċioe 516/2018 MH u 729/2018 MH.

12. Semgħat il-provi mressqa mill-partijiet.

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjeta rikorrenti u rikorrenti aħwa Mangion fit-22 t'Awwissu 2022[4] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ppreżentata fl-1 ta' Novembru 2022[5].

14. Semgħat it-trattazzjoni finali tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2022.

15. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

[4] Fol 317 et seq tal-proċess.
[5] Fol 342 et seq tal-proċess.

Ikkunsidrat;

**Fatti anteċedenti r-rikors għall-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju**

16. B'rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2018, Alfred Zarifa u Elena Zarifa intavolaw talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra MPM Capital Investments Ltd, Alexander Mangion u Melvyn Mangion[6] fis-somma ta' €3,429,479 bħala kawtela għal "danni arrekati lis-sekwestranti mis-sekwestraturi kawza ta' mankanzi, abbuzi u negligenzi serji fil-gestjoni ta' flejjes afdati lilhom mis-sekwestranti u li kawza ta' dawn il-mankanzi u abbuzi s-sekwestraturi qeghdin jirreklamaw hlas lura ta' flejjes avvanzati minghand is-sekwestranti u dan meta s-sekwestranti qatt ma ssellfu flejjes minghand is-sekwestraturi."[7] B'digriet tal-21 ta' Ġunju 2018 t-talba ġiet milqugħa u inħareġ il-mandat ta' sekwestru numru 1017/2018.

17. Fit-28 ta' Ġunju 2018 is-soċjeta MPM Capital Investments Ltd u Alexander Mangion u Melvyn Mangion intavolaw fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatroju Nru 1017/2018 rikors għar-revoka tal-mandat a bażi tal-Artikolu 836 (1) (b) u (f)[8]. Talbu wkoll li jekk tiġi miċħuda t-talba għar-revoka, il-Qorti għandha tgħaddi sabiex tapplika l-Artikolu 836 (8) u (9) tal-Kapitolu 12. L-aħħar talba kienet li tiġi kkunsidrata garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12. B'digriet kamerali tal-15 ta' Jannar 2019, din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-nurmu 1017/2018 kif ukoll it-talbiet sussegwenti magħmula ai termini tal-Artikolu 836 ((8) u (9) u l-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12.

**L-Azzjoni Attriċi**

18. L-azzjoni attriċi ġiet spjegata mir-rikorrenti stess meta b'rikors tat-28 t'Ottubru 2019 ippremettew li din il-procedura ma hijiex sempliċi rikors

[6] **Alfred Anton Zarifa et vs. MPM Capital Investments et** (Mand ta' Sek Nru 1017/2018).
[7] Fol 7 tal-proċess.
[8] **Alfred Anton Zarifa et vs. MPM Capital Investments Ltd et** (Rik Rev 689/2018)

ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatroju iżda din hija kawza permezz ta' rikors guramentat fejn l-atturi qed jimpunjaw digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn cahdet rikors pprezentat minnhom ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi[9].

**Provi**

19. Xehed ir-rikorrent **Alexander Mangion**, Direttur tas-soċjeta MPM Capital fejn spjega li l-konvenuti Zarifa li ilhom klijenti tagħha mis-sena 2010 wara li dawn kienu talba għas-servizz minn rajhom. Jgħid li Zarifa kienu stqarrew magħhom li huma ġieli investew ġewwa l-Isvizzera, suq li huwa miftuħ biss għall-investaturi professjonali u wrew dokumenti in sostenn ta' dak minnhom dikjarat. Jgħid li huwa vverifika magħhom minn fejn kienu ġejjin il-flus u spjegaw li huma kellhom ħafna propjetajiet fosthom villa ta' 2,500 $m^2$ ġewwa San Pawl tat-Tarġ proprjeta ta' Alfred Zarifa, flimkien ma' assi oħra u kontijiet bankarji.

20. Xhed li huwa spjegalhom diversi drabi li huma joffru biss servizz ta' *execution only* u ċioe li d-deċiżjoni ta' fejn isir l-investiment hi tal-klijent. Spjegalhom ukoll ir-riskji u t-termini u l-kundizzjonijiet.

21. Spjefga li huma għaddew lill-konvenuti kopja tal-*Opening of Account Form*, tat-Termini u Kundizzjonijiet, tal-*Best Execution Policy* tal-kumpanija u kopja tal-*Conflict of Interest Policy*. Jgħid li t-termini u kundizzjonijiet jagħmluha ċara li hemm interessi ta' 8% fuq bilanċi dovuti lill-kumpanija, liema rata hija skont il-liġi ta' Malta.

22. Xhed li huma spjegaw lil Zarifa li d-dħul tal-kumpanija kien minn kummissjoni ta' 1% fuq kull transazzjoni ta' xiri jew bejgħ ta xi prodotti finanazjarji. Irrispettivament jekk dan il-prodott kienx *shares*, *bonds* jew *funds*. Jgħid li huwa spjegalhom li MPM Capital ma tagħmilx introjtu ta' xi persentaġġ mill-qliegħ li l-klijenti jistgħu jagħmlu u lanqas tagħmel introjtu ta' *management fee* mill-klijenti. Huwa jgħid li Zarifa ingħataw *username* u *password* sabiex ikunu jistgħu jaċċedu għal kont tagħhom. Jgħid Li Alfred Zarifa kien imur b'mod regolari, madwar darbtejn jew tlieta kull xahar, l-uffiċċju tagħhom u kien hemm drabi fejn l-konjuġi Zarifa kienu jmorru flimkien.

[9] Fol 54 tal-proċess.

23. Jgħid li matul is-snin għamlu numru kbir ta' transazzjonijiet finanzjarji u l-konvenuti qatt ma għamlu xi lment bil-fomm jew bil-kitba lilhom jew lil xi Awtorita. Jgħid li l-konvenuti dejjem urew li kienu kuntenti bis-servizz tant li meta jimmatura xi investiment jew biegħu xi investiment, dawn reġgħu investew tramite l-kumpanija li huwa jirrapreżenta.

24. Jgħid li huwa kien ġie informat minn Zarifa li kienu kelmuh tal-Awtorita tal-Ippjanar fuq ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u kienu talbuh ineħħi xi affarijiet minnhom pero' huwa ma riedx bit-tama li jissanzjona kollox. F'Ġunju 2017, Zarifa mar l-uffiċċju tiegħu u qallu li kien solva l-problema mal-Awtorita u kienu neħħewlu l-*enforcement notice*. Jgħid li l-konjuġi Zarifa kienu b'mod konsistenti jinfurmawh li l-bilanċ dovut kien ser jinqata bil-bejgħ tal-propjetajiet l-oħra u self bankarju ieħor.

25. Jgħid li Zarifa eventwalment infurmah li kien daħal f'konvenju biex ibiegħ il-penthouse tax-Xemxija apparti li kien diġa fuq konvenju biex ibiegħ il-villa ta' Birguma. Jgħid li d-depożitu li kien irċieva kien iddepożitah u dan għamlu biex skont Zarifa iserraħlu rasu li kien ser jirċievi l-kumplament tal-flus. Ix-xhud kompla jgħid li fi Frar 2018, Zarifa beda jġieb ħafna skużi biex jagħmel il-ħlas. Jgħid li Zarifa kien qallu li lest li jaqta l-bilanċ dovut permezz tal-proprjeta iżda x-xhud jgħid li huwa kien infurmah li mhux proprjeta irid iżda depożiti ta' flejjes. Jgħid li Zarifa kien infurmah li l-konvenju fuq il-proprjeta tax-Xemxija kien reġa ġie estiż iżda huwa skopra li l-bejgħ tal-proprjeta kien ser isir fil-11 ta' Mejju 2018. Jgħid li malli sar jaf dan huwa talbu jiltaqgħu miegħu immedjatament imma kien qallu li kien sab impjieg u anke martu u għalhekk ma setgħux imorru għal-laqgħa. Jgħid li l-konjuġi Zarifa ma baqgħux iwieġbu l-mobile għat-telefonati tiegħu u lanqas resqu aktar lejn l-uffiċju tiegħu.

26. Jgħid li kien fit-8 ta' Mejju 2018 li Alfred Zarifa kien aċċetta li jiltaqgħu iżda mhux l-uffiċċju tagħhom iżda ġewwa kafiterija Ħal Balzan. Ħalef li waqt dik il-laqgħa, hu u ħuħ Melvyn Mangion, ġew informati li l-bilanċ li kien dovut ma kinux ser iħallsuh. Kien għalhekk li fid-9 ta' Mejju 2018 ippreżentaw mandat ta' sekwestru kontra l-kopja Zarifa.

27. Fl-affidavit jgħid ukoll li Zarifa għamel azzjonijiet sabiex jintimidah. Jgħid li saħansitra għamlu mandat ta' sekwestru kontrih u kontra ħuħ Melvyn

Mangion personalment. Jgħid li l-iffiriżar tal-kontijiet bankarji waslu għal danni kbar għalihom u għal familjari tagħhom u r-reputazzjoni tagħhom mal-bank ġiet imtapna. Ikompli jgħid li jidher kemm il-mandat ta' sekwestru kien wieħed malizjuż meta wara 28 xahar Zarifa ma resqu ebda dokument jew prova waħda li tista' turi r-relazzjoni personali bejn l-konjuġi Zarifa u l-aħwa Mangion u lanqas ma tressaq dokument li juri li l-kumpanija għandha obbligu lejn il-konjuġi Zarifa. Il-konjuġi Zarifa ma ppreżentaw ebda dokument jew prospett ta' kif waslu għaċ-ċifra imsemmija fil-mandat ta' sekwestru hawn in eżami. Ikompli jgħid li ebda bank mhu lest jisilfu flus la lilu personalment u lanqas f'kumpaniji li huwa involut fihom b'dan li qed toħloqlu dannu kbir finanzjarju

Waqt il-kontro-eżami spjega li Alfred Zarifa kien talab lill-kumpanija tavvanzalu xi flejjes peress li kien qiegħed jibni dar Ħal Lija u l-kumpanija qablet li ttih nifs temporanju. Il-flus kienu ġejjien minn persuni oħrajn (mhux mill-kumpanija) u sar arranġament speċifiku mal-konjuġi Zarifa. Ix-xhud spjega li l-kumpanija m'għadx għandha liċenzja, imma fadal tiġbor il-flus mingħand Zarifa biex tgħaddihom liż-żewġ klijenti. Jgħid li s-self dam għaddej għal ħames snin. Jikkonferma wkoll li ma saret ebda skrittura tal-avvanz u lanqas ma stabbilew garanzija. Jgħid li fuq istruzzjonijiet ta' Zarifa stess ġieli ħareġ ċekkijiet indirizzati lil terzi. Ix-xhud jgħid li Zarifa għamlu 41 investiment matul is-snin. Jispjega li l-investimenti ma ġewx mifdija kollha f'daqqa iżda meta kien ikollhom struzjoni minn Zarifa biex jagħmlu dan.

28. Xehed permezz t'affidavit ir-rikorrent **Melvyn Mangion** fejn spjega li huwa wkoll Direttur tal-kumpanija MPM Capital. Jgħid li mill-investimenti li Zarifa għamlu mal-kumpanija tagħhom huma għamlu kważi tlett kwari ta' miljun qligħ. Jgħid li huma talbu diversi drabi l-bilanċ dovut lill-kumpanija bir-risposta dejjem kienet li għandhom proprjeta li ser tinbiegħ u li jinsabu fuq konvenju. Jgħid li huwa kien ġie infurmat li konvenju minnhom kien ġie estiż bi ftit ġimgħat u wara ftit ġranet reġa' qalilhom li kien ġie estiż. Jgħid li huwa ħass li kellu jivverifika u skopra li l-kuntratt tal-bejgħ tal-proprjeta tax-Xemixija kien ser isir fil-11 ta' Mejju 2018.

29. Xhed illi l-konjuġi Zarifa bdew jonqsu milli jirrispondu l-mobile. Jgħid li huwa qatt ma kellu laqgħat waħdu mal-konjuġi Zarifa. Jgħid li lil Alfred Zarifa ġieli rah l-uffiċju imma ma kellux laqgħat waħdu miegħu. Bħal ħuħ jgħid li huma ltaqgħu mal-konjuġi Zarifa f'kafiterija Ħal Balzan u hemm

kienu ġew infurmati li l-bilanċ mhux ħa jitħallas. Kien għalhekk li fid-9 ta' Mejju 2018 MPM Capital għamlet mandat ta' sekwestru. Jgħid li huwa kien aċċeta li jsiru żewġ laqgħat bonarji ma' Zarifa sabiex jgħidu fejn ma kinux qed jaqblu mad-dokumentazzjoni ppreżentati mill-kumpanija u kif ser iħallsu l-bilanċ dovut. Jgħid li dawn qatt ma wieġbu lura għal dan. Jgħid li huwa nfurmat li l-konuġi Zarifa għandhom djun ma' banek lokali u ma' diversi kumpaniji lokali. Jgħid li l-konjuġi Zarifa għamlu mandat fis-somma ta' €3,429,479 li ma jafx kif inħadmet. Huwa jgħid ukoll li huma qatt m'għamlu negozju fuq bażi personali. Jgħid li dan il-mandat ikkawża danni kbar lilhom u lill-familjari tagħhom inkluż reputazzjoni mtappna mal-banek fejn ġew ffriżati l-fondi li kellhom. Jgħid li nonostante li għaddew diversi xhur Zarifa baqgħu ma ppreżentaw ebda dokumenti jew prova waħda ta' kif waslu għaċ-ċifra. Jgħid li ċ-ċifra fittizja mitluba minn Zarifa hija l-istess somma li l-kumpanija talbet minn għandhom bħala bilanċ li huma għandhom iħallsu.

30. Xehed permezz t'affidavit **Alfred Zarifa** fejn fisser li huwa u martu kienu inkarigaw lis-soċjeta MPM Capital sabiex teżegwixxi ġestjoni ta' ammont konsiderevoli ta' flejjes appartenenti lilhom b'mod li jiġu investiti f'ishma u strumenti finanzjarji oħra u mill-profitti hu u martu kienu jħallsa l-ħtiġijiet tagħhom.

31. Jgħid li MPM Capital u d-diretturi tagħha kienu jamministraw u joperaw l-MPM b'mod totalment u assolutament irregolari u bi kusr tar-regoli finanzjarji li kienu japplikaw għalihom skond il-liċenzja li kienet ingħatatilhom mill-MFSA.

32. Jgħid li d-dokumentazzjoni u l-proċeduri rikjesti mil-liġijiet applikabbli ma ġewx esegwiti u segwiti biex hu u martu sfaw vittmi ta' kumpanija u ta' nies li ġabuhom f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja tant li tilfu s-solidita' finanzjarja li kienu jgawdu minnha.

33. Zarifa xhed li kien Alexander Mangion li kien jinvesti flushom u qatt ma staqsihom fejn u b'liema mod riedu jinvestu flushom. Jgħid li Alexander Mangion abbuża mill-fiduċja u mill-ġenwinita tagħhom u mill-fatt li huma ma kinux mitħla tas-settur u ma kellhomx għarfien li flushom u l-investimenti tagħhom kienu f'periklu. Xhed li l-aħwa Mangion iffabrikaw storja li huma kienu selfuhom flejjes meta la kienu talbu xi self u lanqas

iffirmaw xi ftehim ta' self. Jgħid li kull darba kellhom bżonn self dejjem marru għand il-banek u ottjenew self garantit bl-investimenti tagħhom. Ix-xhud josserva li s-soċjeta MPM ma għandha ebda liċenzja li tippermettilha ssellef flus u għalhekk il-bażi u s-sors tat-talba tal-MPM Capital fil-konfront tagħhom hija waħda li legalment ma hijiex proponibbli għax hija bbażata fuq kusr tal-liġijiet applikabbli. Zarifa spjega li Alexander Mangion qatt ma pprovdilhom informazzjoni dwar l-investimenti jew pprovdilhom informazzjoni ta' kif qiegħed jiġġestixxi u jamministra flushom. Jgħid li Alexander Mangion kien jassikurahom li l-finanzi tagħhom kienu taħt kontroll u ma kien hemm ebda problemi u kien rrikmandalhom sabiex il-flus li ottjenew mill-Banek permezz ta' mutwi jiġu investiti biex ikabbru l-kapital u allura jkun hemm żieda fil-profitti.

34. Xhed li hu u martu qatt ma ingħataw rendikont formali jew informali, dettaljat jew approsimattiv u dokumentat jew superfiċjali tal-ġestjoni li kienet qiegħda tagħmel MPM Capital u d-diretturi tagħha, iżda waqt il-laqgħat dejjem assikurawhom li l-investiment kien qiegħed irendi ntrojtu. Kompla jgħid li mingħajr pre-avviż u mingħajr spjegazzjoni, MPM u l-aħwa Mangion bdew jitolbuhom ħlas lura ta' somom kbar li allegatament kienu avvanzati lilhom, flimkien ma' imgħaxijiet maturati fuq l-istess somma allegatament avvanzati u mislufa lilhom mingħajr assenza ta' xi forma ta' ftehim jew kuntratt ta' self, mingħajr data meta dan is-self seħħ u kif ġew ikkalkolati l-imgħaxijiet.

35. Xhed li kien hemm xi ħaġa suspettuża fil-mod kif MPM Capital u d-diretturi tagħha kienu amministraw, ġġestew u investew flushom. Jgħid li bdew jinvestigaw dwar l-operat tal-atturi u skoprew li MPM kellhom numru ta' kawżi fejn ġew ċitati minn investituri dwar irregolaritajiet. Spjega li MPM Capital talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontrihom u dan mingħajr qatt ma kienu ppreżentaw ittra uffiċjali interpellatorja u mingħajr ma ġie indikat fil-kawżali a bażi ta' liema ftehim ġew avvanzati l-flejjes reklamati minn MPM Capital.

36. Il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju fuq talba tas-soċjeta MPM Capital kien għas-somma ta' €3,429,479. Jinsisti li hu u martu qatt ma sselfu minn MPM Capital iżda kienu biss afdaw flushom magħha sabiex jiġu investiti u jagħtu lura profitti. Jinsisti li hu u martu spiċċaw f'sitwazzjoni ta' kroll finanzjarj, b'kawżi kontrihom, mingħajr il-karozzi li huma xtraw u bil-proprjeta

tagħhom fil-periklu li jiġu mibjugħa mill-kredituri. Dan kollu kkawża u ser jibqgħu jikkawważa skumdita, preġudizzju u periklu għal għajxien tagħhom. Jgħid li kien għalhekk li huwa flimkien ma' martu kellhom jistitwixxu proċedura kontra Mangion u MPM Capital sabiex jiġi dikjarat li kien hemm traskuraġni, nuqqas ta' ħsieb, negliġenza serja u fil-każ tad-diretturi, dolożament u b'abbuż tal-poteri tagħhom qua diretturi, ħolqu u kkawzaw sitwazzjoni fejn l-investimenti u l-patrimonju tagħhom ġestit minnhom ġie dissipat bil-konsegwenza li huma tilfu dak kollu li kienu fdaw f'idejn MPM Capital u talbu ħlas ta' danni illi huma sofrew.

37. Xhed li kien għalhekk li sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom huma talbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatroju kontra l-atturi. Dwar l-ammont jgħid hekk: "l-ammont li tieghu tlabna li nigu kawtelati huwa dak l-ammont li ahna illum gejna esposti ghalih li jikkonsisti kemm fl-ammont li MPM qeghda tallega li avvanzat lilna bl-imghaxijiet li l-MPM qeghda tallega li akkumulaw, l-ammonti reklamati mill-banek li joqorbu ghall-miljun Euro, il-varji kredituri ohra fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin elf Ewro u l-perikolu ghall-proprjetajiet"[10]. Jinsisit li l-ħtieġa ta-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ġiet ulterjorment ġusitifkata wara l-iżviluppi li seħħew u ċioe r-revoka tal-liċenzja tal-MPM Capital mill-MFSA u l-multa ta' €1.8 miljun inflitta mill-FIAU.

In kontro-eżami Zarifa jikkonferma li l-flus ġew depożitati mal-kumpanija MPM Capital. Meta ġie mistoqsi kemm kien l-ammont li huwa depożita, ix-xhud jgħid li bl-amment ma jafx jgħid pero li kien hemm ħafna deposits żgħar. Jikkonferma li huma kienu ġibdu xi flus minn dawk depożitati pero l-ammont bl-amment ma jafx. Ix-xhud ġie muri sett ta' korrispondenza mibgħuta minn martu lil Alex Mangion u x-xhud josserva li dawk l-emails juru kif huma qatt ma kellhom *execution* iżda kienu jitolbu lilu jigwidahom; jinsisit li qatt ma qalulhom sabiex ibiegħu jew jagħlqu l-investimenti, iżda dejjem staqsew jekk kienx tajjeb jew le. Dwar l-informazzjoni, ix-xhud jgħid li huwa minnu li huwa kellhom aċċess għall-kontijiet tagħhom bl-użu ta' username u password, iżda dan kien biss possibbli għal-ewwel ftit għaliex imbagħad baqgħu mingħajr aċċess nonostante li kienu jitolbu jingħataw password ġdida. Jikkonferma wkoll li kellhom investimenti mal-UPS ġewwa l-Isvizzera iżda jgħid il dak kien wirt u huwa qatt ma kien investa hemm. Jgħid in kontro-eżami li kien Alex Mangin li kien ħajjar lil martu tiinvesti mal-

[10] Fol 150 – 151 tal-proċess.

Forex, liema investiment kien falliment totali. Meta ġie mistoqsi għalfejn kien kiteb f'whatsapp message minnhom jitlob il-flus lil Alex, ix-xhud jgħid li Alex kien jgħidlu li ma jistgħux joħorġu ċekkijiet pero qatt ma qallu li ċ-ċekkijiet li qed jinħarġu huma flus mislufin u jgħid li huwa kien mingħalih li l-flus kienu mill-investimenti tiegħu.

38. L-intimati inkarigaw lil **Paul Bonello,** spċjalista' fil-qasam finanzjarju, sabiex iħejji rapport *ex parte* fuq il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet. Hu sab li fl-ewwel snin li fetħu l-kontijiet ma' MPM Capital, il-konjuġi Zarifa kienu investew ċirka €2,668,000. Jgħid li għalkemm saru investimenti fi prodotti komplessi u ta' riskju għoli, huwa ma sabx li kien hemm telf nett fuq transazzjonijiet ta investiment u ta' kapital. Sab ukoll "li minkejja li s-Sinjuri Zarifa poggew kapital ta' madwar €2,663,000 sad-data tat-23 ta' Mejju 2018 jirrizulta li huma kienu ghamlu preljevi permezz ta' hlas minn MPM lil terzi ta' madwar €5,318,000 u allura l-bilanc fuq il-kont tas-Sinjuri Zarifa ma' MPM gie bi zbilanc ta' madwar €2,591,560. Sa dik id-data wkoll, MPM imputaw imghax bit-8% p.a. ta' €680,000 u ghalhekk il-bilanc jidher li l-MPM kienet qed tippretendi li kien dovut mis-Sinjuri Zarifa lil MPM kien ta' €3,272,240"[11].

In kontro-eżami, meta ġie mistoqsi jekk l-konjuġi Zarifa soffrewx danni l-espert ex-parte ikkonferma li minn dak li rriżulta lilu "meta tieħu in konsiderazzjoni kemm it-telf kapitali fuq l-investimenti kif ukoll il-qliegħ kapitali fuq investimenti oħra u l-imgħaxijiet jien ikkonkludejt li t-telf nett fuq l-investimenti ma jirrizultalix."[12]

In ri-eżami ġie mistoqsi "fejn għidt li ma rrizultawlix danni, u b'referenza għall-affidavit tiegħi fejn nagħmel referenza għal diversi nuqqasijiet regolatorji, mistoqsi kif dawn in-nuqqasijiet jittraduċu ruħhom materjalment inwieġeb li kien hemm żewġ nuqqasijiet grosso modo. Wieħed li kien jidher li kien ingħata kreditu mingħajr liċenzja u mingħajr loan u interest rate argreement u allura għandi dubji tiegħu dwar il-legalita ta' l-imgħax bi 8% charged u possibilment l-enforceability tal-laon innifsu. It-tieni li saru kwantita kbira ta' pagamenti minn MPM f'isem il-konjuġi Zarifa mingħajr ir-rekwiżiti ta' liċenzja ta' payment services advisor u minħabba l-artikolu 20 tal-Kap 370 jista' jkun għalkemm mhux kompitu tiegħi li niddetermina, li l-ftehim ta' kreditu jista' jkun li ma jistax jiġi

[11] Fol 188 tal-proċess.
[12] Fol 299 tal-proċess.

ezegwit. It-tielet, għax effettivament kien hemm tlitt affarijiet kbar – jidher li s-self li sar ma sarx minn flus proprja tal-MPM izda minn flus fuq il-clients accounta tagħha li tkun qed izzomm f'kapacita fiduċjarja."[13] In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li l-flus li ħarġet MPM jidhru li għaddew lill-konjuġi Zarifa jew lill-benefiċċjarji tagħha.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**

39. Din hija azzjoni fejn l-atturi qed jitolbu t-tħassir ta' digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Jannar 2019, liema digriet ċaħad it-talba tar-rikorrenti għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1017/2018 fl-ismijiet Alfred Anton Zarifa et vs. MPM Capital Investments Ltd et.

40. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-**Artikolu 836 (5) tal-Kapitolu 12** li jipprovdi fost oħrajn li "Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli".

41. In tema legali ssir referenza għas-sentenza tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawża fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 3507/00 fl-ismijiet **Paul Tanti pro et noe vs. Sammy Mifsud pro et noe** fejn il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat fuditus Artikolu 836:

> "Din il-Qorti kellha qabel xejn tidentifika x`kienet in-natura tad-digriet appellat. Ir-rikors promotur sar fit-termini ta` l-artikolu 836 tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili li jaghti l-fakolta` lil kull min jinhareg kontra tieghu mandat kawtelatorju, jitlob lill-Qorti l-hrug ta` l-opportun kontro-mandat f`certi determinati cirkostanzi. F`dan il-kaz il-mandat kawtelatorju kien wiehed ta` sekwestru.
>
> Is-subinciz (5) ta` dak l-artikolu jipprovdi illi ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li <u>jilqa</u>` rikors maghmul ai termini tas-subartikolu (1) ta` dak l-artikolu u dak id-digriet ikun finali u rrevokabbli.

[13] *ibid.*

Qari ta` dan l-artikolu ma jhalli l-ebda dubbju fil-hsieb tal-Qorti illi fejn id-digriet ikun wiehed ta` cahda tar-rikors ghall-hrug ta` kontro-mandat, dan id-digriet seta` jkun soggett ghal appell u kontestazzjoni. Jidher pero` li l-artikolu 836 ma jispecifikax il-mod kif u meta se jsir appell u kontestazzjoni minn tali digriet ta` cahda. Hu mehtieg allura li jigi stabbilit x`kienet il-kwalita` tad-digriet taht ezami.

- omissis -

Stabbilit illi l-artikolu 229 ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi seta' kien applikabbli biss l-artikolu 836. Konkluzjoni din imsahha in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li specifikatament jirregola l-mod kif seta' jigi kontestat digriet fir-rigward tal-hrug ta' kontro-mandat ta' att kawtelatorju. Dan l-artikolu, il-legislatur kien introducieh inter alia bhala kawtela dovuta kontra l-hrug ta' mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f'cirkostanzi meta seta' jigi stabbilit illi d-debitur kellu bizzejjed x'jaghmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-diposizzjoni allura tipprovdi ghal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura tohrog il-kontro-mandat opportun. Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat kellha tibqa' fis-sehh, ma setghetx tigi b'xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali u rrevokabbli ……..". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas kien permess ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta' l-inciz 836.

Id-dicitura ta' dan is-subinciz jissugerixxi kif gia inghad pero' a contrario sensu illi setghu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad it-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat u li allura ikun halla l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur. Il-legislatur pero' illi dahal f'dettal kbir biex jirregola l-procedura fil-kaz fejn il-Qorti tilqa' talba ghar-revoka in toto jew in parte ta' mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta' kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-hrug ta' l-opportun

kontro-mandat, naqas illi jipprovdi ghall-mod kif seta' jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad rikors tad-debitur ghall-hrug ta' kontro-mandat.

Una volta l-legislatur ghazel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta' revizjoni generali tal-ligi procedurali maghmula bl-Att XXIV ta' l-1995, ma kienx lecitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-gurisprudenza kostanti taghha in materja li ddefiniet in-natura ta' digriet li jawtorizza l-hrug ta' mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw mutatis mutandis ukoll ghal digriet tal-hrug ta' kontro-mandat ta' l-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raguni ghaliex l-insenjament ta' dawn il-Qrati f'dan ir-rigward fuq elaborat ma kellux jitqies li ghadu fis-sehh billi l-ebda disposizzjoni ta' ligi li giet introdotta ma pprovdiet ghal din l-eventwalita'. Konsegwentement il-posizzjoni tibqa' kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta' digrieti ma setghux jigu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setghu biss jigu appellati u kontestati permezz ta' att tac-citazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta tinghata s-sentenza in prima istanza. F'dan ir-rigward tassumi wkoll rilevanza l-kelma "kontestazzjoni" uzata mil-legislatur fis-subinciz (5) ta' l-artikolu 836."[14]

42. Ġaladarba mhux ammissibbli appell minn digriet li jiċħad talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju, ir-rikorrenti korrettament intavolaw din l-azzjoni ad hoc sabiex jattakkaw id-digriet taċ-ċaħda tat-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru.

43. F'kawża ta' din ix-xorta fejn b'rikors ġuramentat qed jintalab fl-ewwel lok ir-revoka ta' digriet li ċaħad talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju, il-Qorti trid tevalwa d-deċiżżjoni attakkata fid-dawl tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 u tevalwa jekk dik il-Qorti segwitx il-proċedura hemm stabbilita.

44. Kif ġie ritenut fis-sentenza **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2001 "mid-dispożizzjoni tal-

[14] Ara wkoll **Josef Gatt vs. Marisa Gatt** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-8 ta' Mejju 2003, **Alexander Grech et vs. Mamma Mia Co. Ltd et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Frar 2005, **Edward Baldacchino vs. Direttur Qrati u Tribunali Ċivili** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Lulju 2007, **Howard Stanley Kreiss vs. Patrick Zrinzo** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 t'Awwissu 2008, **Mary sive Marielle Cassar vs. Edward Cassar** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Meju 2016.

istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."

45. Kif rajna r-rikorrenti kienu intavolaw rikors fit-28 ta' Ġunju 2018 fejn talbu r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1017/2018 liema talba kienet imsejsa fuq l-Artikolu 836 (1) (b) u (f), u b'digriet kamerali tal-15 ta' Jannar 2019 din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet it-talba wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Għalhekk il-kliem ta' din id-dispożiżżjoni għandu tifsira li xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att issa wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, jinħtieg li jintwera li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att innifsu.
>
> Pero minn dak li jirriżulta mill-atti lilha presentati f'dawn l-atti u mad-daqqa t'għajn ma ġie muri ebda bidla kif hekk ravvisata fl-artikolu in eżami. Għalhekk it-talba għar-revoka tfalli f'dan ir-rigward."

Għas-sub-inċiż (f) il-Qorti imbagħad għamlet is-segwenti konsiderazzjoni:

> "Imkien mir-rikors in eżami ma jirriżulta xi bdil fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika din ir-revoka. Ma nġabet ebda prova mad-daqqa t'għajn illi turi xi bdil ta' ċirkostanzi jew li l-ammont huwa wieħed esaġerat anke jekk ir-rikorrenti da parti tagħhom ukoll għandhom jedd vantat kontra is-sekwestranti. Il-fatt li hemm pendenzi varji bejn il-partijiet, pendenzi li għad jridu jgħaddu minn skrutinju aktar profond, il-fatt li anke inqala diverbju bejniethom u inċidenti li nvolvew il-pulizija ma jiġġustifikax din it-talba. Konsegwentement ir-revoka hija miċħuda anke f'dan ir-rigward."

Wara li ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat għaddiet sabiex tqis it-talba għal penali taħt l-Artikolu 836 (8) u (9) u l-Qorti kkunsidrat li

"għalkemm ir-rikorrenti ma jagħtiex indikazzjoni taħt liema disposiżżjoni qiegħed jinvoka l-applikazzjoni ta' l-artikolu sub inċiż 8, minn eżami ta' dak li jgħidu s-sub inċiżi kollha ta' l-istess artikolu 836(8) ma tarax li t-talba hija waħda ġustifikata. Mill-qari tar-rikors in eżami l-Qorti tista tasal illi r-rikorrenti aktar iqarreb lejn dak provdut fis-sub inċiz ċ, pero terga tirritjeni l-Qorti illi l-fatt biss li f'pendenzi reċiproċi kull parti tirrikorri għal att kawtelatorju ma jfissirx illi dana tagħmlu b'mod vessatorju jew b'malizja. Lanqas ma jfisser li l-kawtela ma tkunx ġustifikata rrelevanti jekk fl-aħħar is-sekwestrant ma jingħatax raġun."

Dwar it-talba ai termini tal-Artikolu 838A il-Qorti kkonludiet li:

"ma tqiesx li hawn tirriavisa sitwazzjoni fejn hija ġustifikata l-għoti ta' ġaranzija. Ma tistax tgħid li nonostante il-lanjanzi mressqa li l-mandat ħareg b'xi mod abbusiv, lanqas b'qerq jew frugħa."

46. B'din l-azzjoni r-rikorrenti qegħdin fl-ewwel lok jitolbu r-revoka tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tiegħu kif rajna t-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat kawtelatorju ġiet miċħuda. It-talbiet sussegwenti tal-atturi għar-revoka tal-mandat kawtelatorju u għall-kundanna ta' danni huma konsegwenzjali għall-ewwel talba u jiddependu mill-eżitu tagħha għaliex jekk l-ewwel talba tiġi miċħuda l-kawża tieqaf hemm.

47. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-provvediment fl-ismijiet **Fl-atti tal-kawża numru 5/2017 wara l-ħruġ tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar … numru 6/2017 fl-ismijiet: Graziella Attard et. V. Khaled Barkat Zaky Ahmed Abdelrazek et.** mogħti fis-7 ta' Awissu, 2017 dwar digriet li jiċħad talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju:

> "…la jista' jsir appell …… u lanqas ma tista' terġa' ssir l-istess talba sakemm ma jintweriex li seħħew fatti ġodda: tista' ssir biss kontestazzjoni tad-dikriet permezz ta' kawża b'rikors maħluf quddiem l-istess qorti li tat id-dikriet."

48. Appena huwa neċessarju jiġi ribadit illi azzjonijiet bħal dik odjerna m'humiex intiżi sabiex jiġi investit il-mertu tal-vertenza ta' bejn il-partijiet. Referenza ssir għas-sentenza **Suzanne Busuttil et vs. Francis Busuttil &**

**Sons Ltd et** mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-21 ta' Marzu 2019 fejn ġie ritenut li:

> "Il-kontradittorju biex jigi revokat provvediment irid jigi inkwadrat fil-poter residwali moghti lil-Qrati Ordinarji biex jissindakaw operat jew gudizzju ta' Qorti jew Tribunal u dan peress illi appell minn provvediment bhal dan in kwistjoni hu eskluz. Din il-procedura mhix estensjoni tal-proceduri tal-ewwel Qorti izda procedura ad hoc biex jigi assikurat li parti ma tkunx sofriet pregudizzju. Din il-gurisdizzjoni residwali, skond il-gurisprudenza tal-Qorti f'diversi sentenzi fi proceduri anki naxxenti minn decizjonijiet ta' Tribunali hi intiza biex tissana:
> a. nuqqas ta' tharis tal-principji ta' gustizja naturali;
> b. ksur ta' xi dispozizzjonii tal-ligi fl-ghoti tad-decizjoni;
> c. fejn il-gudikant agixxa ultra jew extra petita.
> Ara f'dan is-sens **Avukat Generali et vs Nicoli Magrin et**, App 24/11/2017; **Avukat Generlai vs Kap tas-Servizzi tas-Sigurta et**, App 07/05/2010; **Anthony Gatt vs Direttur tas-Sigurta Socjali**, App Inf 13/01/2004)." trid l-ewwel jigu kunsidrati l-eccezzjonijiet."[15]

49. Din il-Qorti għalhekk għandha tillimita l-konsiderazzjonijiet tagħha għat-tlett parametri imsemmija fil-ġurisprudenza u trid tqis jekk ir-rikorrenti fil-fatt ressqux talbiet li jinkwadraw ruħhom f'dawn il-parametri.

50. Ir-rikorrenti b'din l-azzjoni jallegaw li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat mill-konjuġi Zarifa kien wieħed vessatorju u abbużiv u wieħed biex idejjaq, jgħidu li dan sar b'ritaljazzjoni għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li s-soċjeta MPM Capital intavolat kontra l-konjuġi Zarifa għall-ħlas ta' debitu fis-somma ta' 'l fuq minn €3,000.000. Ikomplu jgħidu wkoll li l-intimati naqsu milli juru li *prima facie* bagħtew xi danni, tant li naqsu milli jippreżentaw prospett f'ebda waħda mill-proċeduri pendenti u wisq anqas mal-mandat ta' sekwestru innfisu kif ukoll f'din l-azzjoni. Ir-rikorrenti jinsistu li s-soċjeta MPM Capital għandha biżżejjed likwidita u għalhekk m'hemm ebda ħtieġa għal mandat ta' sekwestru. Din il-Qorti tosserva wkoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet, u mhux fir-rikors ġuramentat promotur, ir-rikorrenti għaddew biex għamlu referenza għal tliet sub-inċiżi taħt l-Artikolu 836 (1) u ċioe s-sub-inċiżi (b), (d) u (e).

[15] Pendenti appell.

51. Pero’ l-azzjoni tal-atturi ma jistax ikolli eżitu favorevoli jekk qabel xejn ma jirnexxielhomx juru sodisfaċentement illi l-provvediment ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mogħti fil-15 ta’ Jannar 2019 għandu jiġi mħassar.

52. Fl-ebda stadju matul is-smiegħ ta’ din il-kawża ma ġie lmentat mir-rikorrenti li l-ewwel Qorti naqset milli tħares il-prinċipji ta’ ġustizzja naturali jew li kien hemm ksur ta’ xi dispożizzjoni tal-liġi jew li aġġixxiet *ultra vires* jew *ultra petita*. Lanqas ma nġiebet xi prova ta’ ksur ta’ prinċipji ta’ ġustizzja naturali f’dak li hu *audi alteram partem*, *nemo iudex in causa propria* jew nuqqas ta’ motivazzjoni tad-deċiżjoni.

53. Il-Qorti tqis illi fid-digriet tal-15 ta’ Jananr, 2019 din il-Qorti diversament presjeduta kkonsidrat it-talbiet kollha mressqa quddiemha u ddeċidithom wara li mmotivat l-istess deċiżjoni tagħha.

54. Minn qari tar-rikors promotur fil-kawża odjerna kif ukoll tan-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti jirriżulta illi l-atturi mhux jattakkaw l-imsemmi digriet fuq xi waħda mir-raġunijiet indikati fil-ġurisprudenza ċitata iżda jitolbu lill-Qorti tikkonsidra mill-ġdid raġunijiet għaliex il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju għandu jiġi mħassar.

55. Il-Qorti ma tistax tikkonsidra mill-ġdid talba għat-tħassir tal-istess mandat kawtelatorju jekk qabel xejn ma jinġibux raġunijiet tajba sabiex tħassar id-deċiżżjoni li ċaħdet it-talba għar-revoka tal-mandat.

56. Irriżulta li din il-Qorti diversament presjeduta segwit korrettement il-proċedura stabbilita u qagħdet b’sebgħa għajnejn sabiex tassigura li tagħti lill-partijiet opportunita’ ugwali sabiex iresqu s-sottomissjonijiet tagħhom. Tant illi meta l-atturi odjerni, wara li l-konvenuti ippreżentaw ir-risposta tagħhom, ippreżentaw nota’ b’sottomissjonijiet ulterjuri u provi dokumentarji, l-Qorti tat l-opportunita’ lill-parti l-oħra tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri qabel tat il-provvediment tagħha hawn attakkat.

57. F’kawża ta’ din ix-xorta mhux mogħti lill-Qorti l-kompitu li tiddelibera jekk l-atturi għandhomx raġun fit-talba tagħhom għar-revoka tal-mandat kawtelatorju, sakemm id-digriet taċ-ċaħda tat-talba għar-revoka għadu in vigore. Kif rajna l-atturi ma resqu l-ebda raġuni valida għaliex din il-Qorti għandha twarrab id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta.

58. Fis-seba’ eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti eċċepew illi “... fir-rigward tal-Qorti li rrespingiet it-talba ghar-revoka fejn sar esami akkurat u attent sabiex jigi determinat jekk sehhx xi abbuz fl-ispedizzjoni tal-istess imsemmi Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju.

59. Tqis illi din is-seba’ eċċezzjoni hija fondata u għalhekk il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-ewwel talba attriċi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ s-seba’ eċċezzjoni tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
27 ta’April, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**